MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru 804/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**NEVILLE MARIO RIZZO ta' 30 sena, iben Francis u Rose Marie nee' Borg, imwieled Attard nhar l-1 ta' Jannar, 1979, residenti fil-fond Rose, Triq Robert Farrugia Randon, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 37979M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **NEVILLE MARIO RIZZO** li gie akkuzat talli nhar il-15 ta' Lulju, 2008 gewwa l-Floriana u l-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi haga kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn Lm100(€232.94) ghad-dannu ta' Lyanne Sant detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 433687M u persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus liema ammont jeccedi l-Lm100.00(€232.94) izda mhux iktar minn (€2,329.37) aggravat bil-valur, ghad-detriment ta' Lyanne Sant detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 433687M u persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi Neville Mario Rizzo assocja ruhu ma' Sarah Zammit detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 63891M bil-ghan li jaghmlu delitt;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghen jew assista lil Sarah Zammit fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

6. U aktar talli nhar it-28 ta' Awwissu, 2008 ghall-habta ta' l-11.00am u matul dawn l-ahhar xhur, gewwa r-residenza tieghu Rose, Triq Robert Farrugia Randon, Birkirkara kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina minghajr ma kellu awtorizzazzjoni skond il-Ligi.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju Neville Mario Rizzo rregistra ammissjoni – in kwantu hekk gie ordnat ukoll Pre-Sentencing Report. Jirrizulta mix-xhieda ta' l-Ufficjal tal-Probation John Testa li mnn Antoinette Buttigieg

Scicluna li Rizzo ghandu problema ta’ addizzjoni ta’ droga, li pero qieghed fl-ahhar jipprova jindirizza.

Ghandu jinghad illi l-ammissjoni saret fil-konfront ta’ l-akkuzi kollha ghajr it-tieni(2) u s-sitt(6) akkuzi li gew irtirati mill-Prosekuzzjoni fis-seduta ta’ nhar id-29 ta’ Awwissu, 2008.

Rat ukoll li fil-mori ta’ din il-kawza, nhar id-29 ta’ April, 2009 rega’ rregistra ammissjoni tieghu.

In vista’ ta’ hekk din il-Qorti qieghda ssib htija fuq l-akkuzi dedotti barra dawk irtirati wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna li Neville Mario Rizzi jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien sentejn(2) u qieghda tahtar ghal dan l-iskop lil John Testa biex isegwi lill-imputat li ghandu jobdi dawk kollha d-direttivi lilu moghtija biex johrog mill-problema ta’ vizzju tad-droga, anke jekk ikun bzonn li jigi ndirizzat lejn programm residenzjali li ghandu jibda u jispicca b’success. Huwa ghandu jobdi wkoll kull direttiva lilu moghtija minn kull ufficjal ta’ tali agenziji;
Huwa ghandu fi zmien sitt(6) xhur mill-lum ihallas lil Lyanne Sant is-somma ta’ erba’ mitt Ewro(€400).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------